**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Illum, 11 ta' Frar 2022

**Il-Pulizija**

**vs**

**Felix Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Felix Grech,** ta' wiehed u sittin sena (61) sena, iben Rosario u Helen *nee* Formosa, mwieled l-Imtarfa, nhar id-29 ta' Frar, 1960, residenti gewwa 18, Ta' Grezz, Triq Erminia Cilia Abela, Haz-Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 192360M, senjatament akkuzat talli;

Nhar l-20 ta' April, 2020, ghall-habta tal-10:13*hrs*, fl-inhawi ta' Selmun, limiti tal-Mellieha, kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor, biex jikser xi dispozizzjonijiet bhal dawn, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew htiega mposta minn jew taht dawk ir-Regolamenti, u dan bi ksur tar-Regolament 27(d) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat (L.S. 549.92);

Il-Qorti kienet mitluba li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew

permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.
Semghet ix-xhieda;
Rat id-dokumenti ezebieti;
Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat, il-prosekuzzjoni ressqet zewgt affidavits wiehed ta' PC16 E. Zammit u l-iehor ta' PC572 Antoine D'Amato; lil Fiona Burrows u rapprezentant ta' WBRU. Mill-affidavits jirrizulta li l-investigazzjonijiet bdew in segwitu ghal rapport maghmul u filmat mehud minn Burrows. Mill-investigazzjonijiet hekk kif iddettaljati fl-istess affidavits, il-Pulizija waslu sabiex jiddentifikaw lill-qua imputat bhala wiehed mill-persuni li jidher fuq il-filmat mehud minn Fiona Burrows. Fl-affidavits il-pulizija jispjegaw kif huma taw id-drittijiet skond il-ligi lill-qua imputat inkluz id-dritt ghall-assistenza legali anke waqt l-interrogazzjoni u dana ghazel li jirrifjuta l-istess dritt. In sostenn ta' dan giet ipprezentata mill-prosekuzzjoni dikjarazzjoni ffirmata mill-qua imputat fil-prezenza ta' zewgt xhieda li turi li huwa rrinunzja ghal dan id-dritt. Il-pulizija jikkonfermaw bil-gurament fl-affidavits taghhom li l-qua imputat ammetta li kien fuq il-post filwaqt li spjega li ma kienx hu li spara fuq it-tajra identifikata bhala gammiema izda sempliciment kien hdejn huh idur bil-kelb. Burrows min-naha taghha tikkonferma li dakinhar hija rat persuna jispara fuq gammiema, liema gammiema waqghet mal-art. Sussegwentament hekk kif dina l-gammiema tipprova ttir, tara zewgt kacatturi (wiehed minnhom idenitifikat bhala l-qua imputat) jippuntaw lejn il-gammiema, wiehed minnhom (li mhux l-imputat) jirnexxielu jolqotha filwaqt li l-qua imputat imur jigbor l-istess gammiema u jitfahha fil-but tas-sidrija tieghu. Il-filmat ipprezentat minn Fiona Burrows jikkonferma dak kollu li hija xehdet. Carl Cauchi bhala rapprezentant ta' WBRU jikkonferma li fid-data tal-kaz odjern ma setghetx issir kacca fuq il-gammiema.

Illi permezz tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat, huwa jinsab akkuzat li huwa kkonfofa, ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus sabiex ikun hemm ksur tar-regolamenti ai termini tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Id-difiza tikkontendi li l-qua imputat ghandu jigi lliberat minn dina l-imputazzjoni tenut kont li l-irwol tal-imputat odjern kien limitat ghal gbir tat-tajra u tenut kont tal-fatt li anke l-provi tal-prosekuzzjoni juru li ma kienx hu li spara fuq it-tajra izda huh. L-abbli difensur issostni li l-komplicita' wara d-delitt ma huwiex reat.

Il-Qorti, wara li analizzat il-filmat, ma taqbilx ma din it-tezi tad-difiza u dana l-ghaliex fil-fehma taghha l-irwol tal-imputat ma kienx limitat biss ghal gbir tat-tajra wara li spara fuqha huh. Mill-filmat u anke mix-xhieda ta' Fiona Burrows jirrizulta b'mod car li l-qua imputat beda jghin lil huh ifittex it-tajra in kwistjoni wara li huh spara fuqha. Waqt din it-tfittxija minn qalb il-haxix, it-tajra tidher qeghda ttir. Dak il-hin jidher car anke mill-filmat li kemm il-qua imputat u anke huh immirraw lejn it-tajra in kwistjoni biex jisparaw lejha. Dan l-att min-naha tal-qua imputat juri bic-car li ghalkemm ma kienx hu li laqat it-tajra izda huh, huwa definittivament ghen lil huh billi ippunta s-senter tieghu ukoll lejn l-istess tajra bil-ghan li jispara fuqha flimkien ma huh u dana bi ksur tar-regolamenti tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Sussegwentament il-qua imputat gabar it-tajra u dahalha fis-sidrija tieghu. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, dina l-Qorti thoss li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat giet ippruvata sal-grad li tirrikjedi l-ligi.

Decide

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 qed issib lill-istess Felix Grech hati tal- imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1000.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur